# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF
## ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 20 ta' Lulju, 2020.**

**Numru 16**

**Ċitazzjoni numru 328/89 AE**

**Cecil Paċe u Henry Paċe f'isimhom proprju u Cecil Paċe bħala direttur u għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà M.I.D.C. Limited u b'nota tat-13 ta' Mejju, 2005, Michael Paċe bħala direttur tas-soċjetà World Travel and Tourism Limited assuma l-atti ta' din il-kawża minflok Henry Paċe u b'digriet tat-12 ta' Novembru 2019 (wara n-Nota tal-21 ta' Novembru 2017 a fol 646) Dr James Paċe LL.D. bħala Direttur tas-soċjetà P&P Investments Ltd assuma l-atti tal-kawża minflok Cecil Paċe, u d-drittijiet litiġjużi kif ukoll l-ishma, investimenti, self u krediti tal-istess Cecil Paċe ġew assenjati lis-soċjetà P & P Investments Limited minnu rappreżentata**

**v.**

**Emanuel A. Bonello f'ismu proprju u għan-nom u in rappreżentanza tal-Bank of Industry, Commerce and Agriculture Limited u l-Onorevoli Ministru tal-Finanzi n-Nutar Dottor George Bonello Du Puis LL.D. M.P. u b'nota tal-24 ta' Jannar, 2003, Raymond Gatt bħala wieħed mill-partners ta' "*Gatt, Galea & Co.*" assuma l-atti ta' din il-kawża minflok Emanuel A. Bonello *nomine* u b'nota tat-28 ta' Frar, 2012, MGI Malta bħala Kontrollur il-ġdid tal-Bank of Industry, Commerce and Agriculture Limited assumiet l-atti tal-kawża minflok *Gatt, Galea & Co.* u b'digriet tas-16 ta' Jannar**

**2019, stante l-mewt ta' Emanuel M. Bonello, l-atti ġew trasfużi f'isem Jennifer Bonello Cole, Shirley Coppini u Carl Bonello Cole**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell imressaq mill-atturi minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Novembru, 2014 (minn issa 'l hemm imsejħa "s-sentenza appellata") fil-kawża fl-ismijiet premessi li biha w għar-raġunijiet hemm imfissra, dik il-Qorti ċaħdet l-ewwel, it-tieni u r-raba' eċċezzjoni tal-Ministru tal-Finanzi mħarrek filwaqt li laqgħet it-tielet eċċezzjoni tiegħu, ċaħdet l-ewwel, it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet tal-imħarrek Emanuel A. Bonello, iddikjarat ir-raba' talba attriċi bħala eżawrita u ċaħdet il-bqija tat-talbiet attriċi;

2. Fl-att li bih fetħu l-kawża, l-atturi talbu li l-ewwel Qorti ssib li l-kumpanija attriċi M.I.D.C. Limited m'għandhiex x'tagħti lill-Bank of Industry, Commerce and Agriculture Limited (minn issa 'l hemm imsejjaħ "B.I.C.A.L."; tikkundanna lill-imħarrek Bonello *pro et noe* jikkanċella l-i*Special "A" Share* ta' Lira Maltija (Lm1) li l-B.I.C.A.L. ingħata fis-soċjetà attriċi; issib li l-imħarrkin jaħtu għad-danni kollha mġarrbin mill-atturi fil-kwalità li fiha ressqu l-kawża minħabba d-dewmien eżaġerat u nġustifikat li matul iż-żmien li għadda sa minn Diċembru, 1984, żammew il-kontroll illegali tas-soċjetà M.I.D.C. Limited, liema danni flimkien mal-imgħaxijiet

relattivi jiġu likwidati b'ġudizzju separat; tikkundanna lill-Ministru mħarrek biex itemm minnufih il-ħatra tal-imħarrek Emanuel A. Bonello bħala kontrollur tas-soċjetà attriċi; u tikkundanna lill-istess imħarrek Bonello *pro et noe* jagħtihom lura minnufih it-tmexxija tas-soċjetà M.I.D.C. Limited;

3. Illi fin-Nota tal-Eċċezzjonijiet tiegħu l-Ministru konvenut laqa' billi, preliminarjament, qal li ċ-ċitazzjoni ma kinitx tiswa billi ma ġietx debitament preċeduta minn ittra uffiċjali skond kif mitlub fl-Artikolu 460 tal-Kodici ta' Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili; il-karenza ta' ġurisdizzjoni tal-Qorti għal dak mitlub fir-raba' talba taċ-ċitazzjoni u dan skond l-Artikolu 743(3) tal-imsemmi Kodiċi; l-illeġittimità attiva tal-attur Cecil Paċe safejn hu jippretendi li qed jidher bħala direttur għan-nom u in rapprezentanza tas-soċjetà M.I.D.C. Limited billi l-istess soċjetà kienet tinsab taħt il-kontroll tal-imħarrek l-ieħor Emanuel A. Bonello; l-intempestività tal-azzjoni attriċi billi kif inhi formulata r-raba' talba fil-konfront tiegħu l-istess talba tista' tkun dipendenti mill-eżitu ta' vertenzi oħra li jistgħu jkunu pendenti bejn il-B.I.C.A.L. u l-istess M.I.D.C. Limited. Fil-mertu, laqa' billi qal li ma huwa mdaħħal bl-ebda mod f'dak mitlub fl-ewwel, fit-tieni, fit-tielet u fil-ħames talbiet attriċi u talab li jinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju. Fi kwalunkwe kaz, laqa' billi qal li t-talbiet attriċi huma għal kollox bla ebda bażi legali u fattwali fil-konfront tiegħu;

4. Illi fin-Nota tal-Eċċezzjonijiet tiegħu l-imħarrek Emanuel A.

Bonello *proprio et nomine* jgħid li l-atturi personalment ma għandhom ebda dritt jistitwixxu din il-kawża. It-talbiet attrici, safejn imressqa mill-atturi personalment ma jistgħux ireġġu billi fil-kwalità personali tagħhom jonqos l-interess ġuridiku fl-eżitu ta' din il-kawza. L-atturi personalment mhumiex azzjonisti tas-soċjetà attrici u lanqas ma huma kredituri tagħha. Kemm-il darba Cecil Paċe kien direttur tas-soċjetà attriċi, dan ma baqax igawdi aktar ir-rappreżentanza ġuridika tagħha li għaddiet fil-kontrollur u għaldaqstant it-talbiet attrici kif u minn min proposti ma jistgħux jitressqu; illi safejn it-talbiet attriċi huma proposti mill-atturi kollha, dawn ma jistgħux jitressqu billi l-eċċipjenti nħatar kontrullur mill-Ministru tal-Finanzi, bis-saħħa li tagħtih il-liġi dwar il-Kummerċ Bankarju tal-1970 u għaldaqstant il-leġittimu kontradittur tal-istess eċċipjenti jista' jkun biss l-istess Ministru u mhux l-atturi u l-eċċipjenti għandu jwieġeb biss lejh u mhux lejn l-atturi għall-aġir tiegħu; illi t-talbiet attriċi safejn huma diretti kontrih personalment ma jistgħux ireġġu billi kull ma għamel l-esponenti għamlu u qed jagħmlu fil-kapaċità tiegħu ta' kontrollur, għaldaqstant personalment ma jista' qatt jinsab responsabbli għad-danni. Fil-mertu, ċaħad illi huwa ikkaġuna xi danni lill-atturi *proprio et nomine*. Jekk kien hemm xi dewmien, dan jaħtu l-atturi għalih billi naqsu li jgħaddulu t-tagħrif li talabhom biex seta' jqis il-pretensjonijiet tagħhom. Qal ukoll li l-ammont dovut mill-B.I.C.A.L. , kumpanniji assoċjati u kredituri oħra jitla' għal miljun erba' mija u mitejn elf u ħamsin Liri Maltin (Lm1,420,050) u għaldaqstant it-talbiet attriċi kienu ghal kollox insostenibbli fattwalment u legalment;

5. Illi biex waslet għall-imsemmija deċiżjoni tat-28 ta' Novembru, 2014, l-ewwel Qorti għamlet il-konsiderazzjonijiet li ġejjin:

*"Din il-kawza kienet prezentata hamsa u ghoxrin (25) sena ilu. Kien biss fis-seduta tad-9 ta' Marzu 2012 li l-provi tal-atturi gew dikjarati maghluqa (fol. 467).*

*"Il-qorti rat l-atti li jinkludu nota ta' sottomissjonijiet tal-atturi u tal-Ministru tal-Finanzi.*

*"<u>Notifika lill-Gvern b'att gudizzjarju ai termini tal-Artikolu 460 tal-Kap. 12</u>.*

*"Irrizulta li fit-3 ta' Marzu 1989 l-atturi pprezentaw protest gudizzjarju (fol. 118) fejn sejhu lill-protestati[1] sabiex:*

*". Ihassru l-ispecial A share ta' Lm li l-BICAL inghata fis-socjeta MIDC Limited;*

*". Jittermina l-hatra ta' Emanuel Bonello bhala kontrollur ta' MIDC;*

*". T-tmexxija ta' MIDC tinghata lura lil Pace;*

*"Fil-protest iddikjaraw ukoll li kienu qeghdin izommu lill-protestati responsabbli ghad-danni.*

*"Il-protest gudizzjarju kien notifikat fis-6 ta' Marzu 1989 u l-kawza giet prezentata fis-27 ta' Marzu 1989.*

*"Ghaldaqstant, l-eccezzjoni ser tigi michuda.*

*"<u>Nuqqas ta' gurisdizzjoni tal-qorti in vista ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 743(3) tal-Kap. 12</u>.*

*"Dan il-provvediment ma jezistix.*

*"<u>Cecil Pace m'ghandux locus standi biex jagixxu fl-interess tal-kumpanija</u>.*

*"Hekk kif inhatar Kontrollur ghal MIDC, il-Bord tad-Diretturi tilef kull awtorità. Minn dak il-mument l-amministrazzjoni tal-kumpanija ghaddiet ghand il-Kontrollur. Ghaldaqstant l-ahwa Pace ma kellhom l-ebda jedd li jharrku lill-konvenuti f'isem il-kumpanija.*

[1] Jinkludi l-Gvern rapprezentat mill-Ministru tal-Finanzi li fil-fatt hatar lill-Kontrollur.

*"Ghalhekk din l-eccezzjoni ser tintlaqa'.*

*"Intempestività tal-azzjoni.*

*"Il-Gvern naqas milli jissostanzja din l-eccezzjoni fejn ecepixxa li r-raba' talba "…. tista' tkun dipendenti mill-ezitu ta' vertenzi ohra li jistghu jkunu pendenti bejn il-Bank of Industry, Commerce and Agriculture Limited u l-istess M.I.D.C Limited" (fol. 11). Ghalhekk ser tigi michuda.*

*"Bonello m'huwiex legittimu kontradittur.*

*"Il-konvenut Bonello isostni li gialadarba nhatar mill-Ministru tal-Finanzi, ghandu jwiegeb biss lill-persuna li hatritu. Il-qorti ma taqbilx ma' dan ir-ragunament. Mill-provi rrizulta li l-atturi huma azzjonisti tal-kumpanija. F'dan il-kuntest il-qorti taghmel riferenza ghal sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza* ***Cecil Pace et proprio et nomine vs Emanuel Bonello proprio et nomine*** *tal-24 ta' Settembru 2004, fejn intqal:-*

> *"mal-hatra tal-kontrollur dan isir amministrattur "plenipotenzjarju" ta' dak kollu li jikkoncerna l-gestjoni ta' dik l-entità maghrufa bhala bank u bhala tali jissostitwixxi lill-istess bank billi f'dik il-kariga jassumi l-poteri kollha li l-gestjoni ta' l-istess tikkonferixxi, f'cirkostanzi normali, lill-Bord tad-Diretturi ta' l-istess bank. Kien ghalhekk, kif sewwa osservat l-ewwel Qorti fil-konsiderazzjonijiet taghha dwar id-dritt ta' azzjoni ta' l-atturi nomine, li d-diretturi ossia l-President u l-Vici President tal-Bank jitilfu kull dritt ta' azzjoni billi dawk il-karigi issa jkunu assorbiti mill-istess Kontrollur.*
>
> *"Sfortunatament il-Ligi dwar il-Kummerc Bankarju tieqaf hawn fir-rigward tal-poteri u l-obbligi tal-Kontrollur. Jidher li darba ssir l-hatra ta' l-istess Kontrollur, kif qed jigi sottomess mill-istess konvenut appellat, ma hemm ebda mod kif dan jigi kontrollat jew regolat fil-gestjoni u tmexxija tal-bank li issa jkun assuma l-personalità tieghu. Il-mistoqsija li taghmel din il-Qorti f'dan l-istadju hija "who controls the controller?" ghax jekk il-kredituri u l-azzjonisti li, wara kollox, huma l-partijiet l-aktar interessati fit-tmexxija ghaqlija ta' l-intrapriza, m'ghandhomx dritt li jagixxu kontra l-istess Kontrollur anke jekk jallegaw li l-amministrazzjoni tieghu tkun ta' dannu ghall-interessi taghhom, min ser jiehu l-briga li jistitwixxi il-proceduri sabiex jigu salvagwardati dawn id-drittijiet? F'dan is-sens din il-Qorti ma tistax tikkondividi l-hsieb ta' l-ewwel Qorti fejn jinghad li gia la darba d-dannu li dak l-agir (tal-kontrollur) jkun kagunat lis-socjetà u mhux lill-azzjonisti, ma hemmx dritt ta' azzjoni, u dana mhux biss minhabba l-fatt li* ***fl-ahhar minn l-ahhar huma l-azzjonisti qua proprjetarji fil-kwoti rispettivi taghhom ta' l-istess azjenda, li jgawdu jew jbatu mit-tmexxija tajba jew hazina ta' l-istess azjenda, izda wkoll billi kif jirrizulta mill-istess subartikolu (ċ) ta' l-Artikolu 18 fuq citat, l-istess kontrollur jinhatar principalment fl-interess tad-depozitanti, tal-kredituri u ta' l-azzjonisti tal-bank. Dawn ghalhekk certament ghandhom ikollhom, bhala regola generali, dritt ta' azzjoni kontra l-istess kontrollur jekk jidhrilhom li bl-agir tieghu huma qed jigu pregudikati****" (enfazi tal-qorti).*

*"Fl-ahhar mill-ahhar il-kontrollur kien qieghed jamministra kumpanija li*

*fiha l-atturi, gialadarba huma azzjonisti, ghandhom interess. L-atturi qeghdin jilmentaw mill-modus operandi tal-kontrollur. Il-konkluzjoni hi li Bonello hu legittimu kontradittur.*

*"Il-konvenut Bonello argumenta wkoll li kull ma ghamel "…. qed jaghmlu fil-kapacità tieghu ta' kontrollur u kwindi personalment ma jista' qatt jigi tenut reponsabbli ghad-danni" (fol. 15). Hawn ukoll il-qorti ma taqbilx. Hu veru li dak li ghamel Bonello kienet fil-qadi tad-dmirijiet tieghu bhala kontrollur. Pero' Kontrollur m'hijiex xi persuna guridika u lanqas mhu l-Gvern. Jekk kien hemm xi nuqqas minn Bonello fil-qadi ta' dmirijietu bhala kontrollur, irid personalment jaghmel tajjeb ghal dak in-nuqqas.*

*"Meritu.*

*"Fil-meritu l-ilmenti tal-atturi jikkoncernaw l-kumpanija M.I.D.C. L-atturi huma azzjonist tal-kumpanija. F'ittra datata 18 ta' Gunju 2008 (fol. 424), Gatt Galea & Co nfurmat lir-Registru tal-Kumpanniji li kien hemm bzonn li jigu aggornati r-records ghaliex wara sentenza tal-qorti kien hemm 5,000 sehem li minnhom :-*

*"i. 2,500 sehem kienu ta' Cecil Pace (ishma numerati 1 – 2500); u*
*"ii. 2,500 sehem kienu ta' Henry Pace (ishma numerati 2501 – 5000);*

*"Mid-dokumenti li gew prezentati jirrizulta li:-*

*". Fil-25 ta' Novembru 1972, M.I.D.C Limited (MIDC) kellha overdraft mal-Bank of Industry, Commerce & Agriculture Limited (BICAL) f'ammont ta' Lm1,174.*

*". Fil-31 ta' Dicembru 1972 kien sar ftehim li wassal biex il-BICAL inghata Special A share fil-kumpanija MIDC (fol. 28), b'dan li kif jithallas il-kreditu li kellu l-BICAL "….. the Special A share shall automatically become a forfeited share to be disposed of or cancelled on such terms and in such manner as the Directors appointed by the members holding Ordinary shares in the Company think fit" .*

*". B'sehh mit-2 ta' Jannar 1973 Dr Karmenu Mifsud Bonnici u Joseph Saliba nhatru bhala diretturi tal-kumpanija mill-azzjonist tal-A share (fol. 27), b'dan li b'effett mill-21 ta' Dicembru 1984 l-avukat Mifsud Bonnici ma baqax direttur tal-kumpanija (fol. 23).*

*". Fit-28 ta' Novembru 1972 il-Ministru tal-Finanzi hatar lill-avukat Dr Karmenu Mifsud Bonnici bhala Kontrollur tal-BICAL, filwaqt li fis-17 ta' Settembru 1974 innominah bhala kontrollur tal-MIDC (fol. 123 u 154). M'hemmx dubju li f'dak iz-zmien MIDC kienet debitrici tal-BICAL[2]. F'avviz pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern tal-5 ta' Novembru 1985 gie ddikjarat li Emanuel A. Bonello kien inhatar bhala Kontrollur ta' MIDC,*

[2] Zgur li l-BICAL kellu interess fl-MIDC (ara Artikolu 18(3)(b) tal-Att dwar il-Kummerc Bankarju – Kap. 215 li kien jipprovdi dwar kumpanniji assocjati. Eventwalment Kap. 215 kien gie abrogat).

*kariga li rrizenja minnha fil-31 ta' Awissu 2002 (fol. 490), minflok Dr Karmenu Mifsud Bonnici.*

*". Minn interim report li ghamel il-kontrollur Bonello, irrizulta li meta ma kompliex jopera l-BICAL, 25 ta' Novembru 1972, fl-ovedraft account kien hemm is-somma ta' Lm1,174 dovuta minn MIDC lil BICAL (Dok. MIDC3 a fol. 125). Jidher li dan l-ammont zdied ghal Lm2,348 billi l-konvenut Bonello zied l-imghax (ara estratt mill-interim report ghall-perjodu 25 ta' Novembru 1972 sal-31 ta' Lulju 1988 li sar minn Bonello, fol. 124). Cecil Pace jaccetta li fid-data tas-sospensjoni tal-licenzja tal-BICAL, 25 ta' Novembru 1972, MIDC kienet debitrici tal-bank fl-ammont ta' Lm1174 (fol. 334).*

*". Mill-istess interim report tal-kontrollur Bonello jirrizulta li MIDC kienet kreditrici tal-BICAL. F'risposti li nghataw minn Raymond Gatt ghad-domandi tal-atturi, inghad:-*

> *"MIDC Limited is still owed Lm550 on current account number 201820 held with the Sliema branch of BICAL. This account was originally owned by Skylim Limited, an associated company in which MIDC Limited held 50 percent of the ordinary share capital. MIDC Limited transferred its shares in Skylim Limited on 21 August 1975 to third parties and on the same date, it took over 50 percent of the above-mentioned BICAL current account held by Skylim Limited. The outstanding balance consists of thed last 20 percent of the original principal taken over at the time of the disposal of the ordinary shares. This balance has been provided for in full in the company's accounting records. The first wo 20% distributions on the Bank account have been effected by the BICAL Controller in 1975 and 1986 respectiely. Since the publication of the Second Interim Report on Companies Associated with BICAL, a further two 20% distributions, totalling Lm1,100, have been recovered on this account by the Controller and applied to set-off part of the controllership expenses" (fol. 366).*

*"Minn dan it-taghrif hu ghalhekk evidenti li fid-data meta giet sospiza l-licenzja tal-BICAL, MIDC ma kenitx kreditrici tal-BICAL.*

*"Ghal dak li jikkoncerna l-ilmenti tal-atturi, il-qorti tosserva li:-*

*"i. Fl-ewwel lok fil-25 ta' Novembru 1972, MIDC ma kenitx kreditrici tal-BICAL. Skond ir-rapport ta' Cassar Galea & Co, Skylim Limited kellha kreditu kontra l-BICAL. Dritt li fil-21 ta' Awissu 1975 MIDC akkwistat ghal dak li jikkoncerna n-nofs. Fis-seduta tat-22 ta' Marzu 1995 Emanuel Bonello xehed li fil-kont kurrenti 201820 li Skylim Limited kellha fil-BICAL, kien hemm is-somma ta' Lm5,503 li "…. **minnhom jappartjenu ghall-MIDC kien hemm 50%, voldieri Lm2,751….**" (fol. 169). Il-qorti ma tifhimx x'kienet ir-raguni li l-overdraft mal-BICAL baqa' jidher fir-rapport ta' Bonello u tal-kontrolluri ta' warajh[3]. M'hemmx dubju*

[3] Qieghed jinghad hekk ghaliex l-Artikolu 1196(2) tal-Kodici Civili jipprovdi: *"It-tpacija ssir **ipso jure**, u wkoll minghajr ma jkunu jafu d-debituri. Hekk kif ikunu jezistu zewgt idjun fi zmien wiehed, **jinqatlu wiehed bl-iehor sa fejn ikunu ndaqs**"*.

*li fil-21 ta' Awissu 1975 l-kreditu favur MIDC kien ikbar mill-kreditu li l-BICAL kellu fil-konfront ta' MIDC.*

*"ii. Mill-provi rrizulta kif MIDC kellha 5,000 sehem fil-kumpanija Skylim Limited. Ishma li fil-21 ta' Awissu 1975 l-ewwel kontrollur ittrasferixxa lil terzi, in kwantu ghal 4,999 sehem lil Grech and Co Limited u sehem wiehed lil Horizon Properties Limited. L-atturi jsostnu li l-bejgh sar ghall-prezz baxx ta' Lm2 ghal kull sehem. Kumpanija li jidher li kienet proprjetarja ta' immobbli u li l-atturi jsostnu li nbieghet ghall-prezz li ma kienx jirrifletti l-valur tal-proprjeta ta' dak iz-zmien[4]. Fil-fatt fid-dikjarazzjoni guramentata (fol. 5) qalu:*

> *"6. Illi s-socjeta Skylim Limited kienet il-proprjetarja ta' blokk ta' erbgha u ghoxrin (24) appartament gdid lussuz u spazzjuz fit-triq principali f'Marina Street, Pieta' numru 213, bi tlett kmamar tas-sodda kull wiehed mghammra anke b'lifts fuq il-bini maghruf bhala Carways…..*
>
> *"7. Illi tnax minn dawn l-appartamenti flimkien ma' erba' plots San Pawl tat-Targa li kienu jirraprezentaw is-sehem tas-socjeta M.I.D.C. Limited, kellhom valur ta' mitt elf liri Maltin (Lm100,000), gew mibjugha mill-kontrollur Dottor Carmelo Mifsud Bonnici bil-prezz ta' tletin elf liri Maltin (Lm30,000)".*

*"Pero' l-konvenut Bonello ma kellu x'jaqsam xejn ma' dan kollu u ghalhekk zgur li ma jistax jinzamm responsabbli ghall-agir ta' haddiehor. Dan apparti li ma saret l-ebda prova li fir-realtà l-proprjetà nbieghet ghall-prezz ferm inqas mill-valur reali taghha. Dak li nghad f'paragrafu numru 7 baqa' biss allegazzjoni. Inoltre, hu mpossibbli li tasal ghal xi konkluzjoni minghajr ma tkun taf ic-cirkostanzi li wasslu lill-Kontrollur ta' dak iz-zmien biex ibiegh l-appartamenti.*

*"iii. Hemm ukoll 5,000 sehem fil-kumpanija Harris Hughes & Johns Limited. Ghalkemm mill-interim report tal-kontrollur Bonello ma jirrizultax li din il-kumpanija kienet debitrici tal-BICAL (fol. 125) izda kreditrici[5], il-kumpanija MIDC ma setghet qatt tiehu beneficcju minn tali fatt gialadarba l-kreditu kien ta' Harris Hughes & Johns Limited u mhux ta' MIDC.*

*"iv. L-atturi jsostnu li huma kredituri ta' MIDC fis-somma ta' Lm702,277.12,4. L-attur Cecil Pace ipprezenta affidavit fejn qal li kellu numru ta' cekkijiet li mhux imsarrfa li jammontaw ghal dik ic-cifra. Fl-affidavit Pace semma n-numru u d-data tac-cekkijiet. Il-qorti tosserva:*

*"(a) Id-dati jkopru l-perjodu 15 ta' Settembru 1972 u 16 ta' Novembru 1972.*
*"(b) Ma jirrizultax meta suppost inghataw dawk il-flus.*

---

[4] Ara per ezempju kuntratt ta' bejgh tal-21 ta' Awissu 1975 pubblikat min-nutar Dr G. Bonello DuPuis (fol. 109).
[5] Skond Bonello l-ammont dovut lil Harris, Hughes and Johns Limited mill-BICAL kien ta' Lm1,983 (fol. 478).

*"(ċ) Ma jirrizultax x'sar b'dawk il-flus kollha li suppost Pace u huh taw lil MIDC.*

*"Madankollu jibqa' 'l fatt li Bonello inkluda din is-somma bhala flus li huma dovuti minn MIDC. Jidher li l-kontrollur kien accetta din il-pretensjoni (ara Interim Report ghall-perjodu 25 ta' Novembru 1972 sal-31 ta' Lulju 1988) fejn fil-parti Liabilities jinghad:*

> *"5.1 On 31 July 1988 the liabilities of the company were:*
>
> *Lm*
>
> *omissis*
>
> ***Other creditors 1,404,554**".*

*"Hu evidenti li l-kontrollur zied l-imghax fuq is-somma. Fir-rapport tieghu m'hemmx xi annotazzjoni li qieghed jikkontesta s-somma. Dan minkejja li fir-rapport tal-awditur Vincent Curmi ghas-sena li ghalqet fil-31 ta' Dicembru 1991 (fol. 153) gie ddikjarat:*

> *"As stated in note 6 to the financial statements a related party is claiming from the company an amount of Lm702,277 which he alleged represents funds which he received from third parties and passed on to the company.* ***I have been unable to verify whether the company had in fact received such funds and if so from whom**" (enfazi mizjuda, fol. 155).*

*"Sahansitra fir-rapport ta' Cassar, Galea & Co gie ddikjarat:*

> *"(d) Other creditors include:*
>
> *(i) an amount of Lm1,404,554 in unpresented cheques, inclusive of ultra duplum interest payable, which Mr Cecil Pace purports to have been issued by MIDC Limited payment to cash in return for funds which he alleges were advanced to the company from monies received by him from third parties" (fol. 493).*

*"Kien biss fin-nota ta' l-eccezzjonijiet li Bonello qal li Pace kellu jaghti spjegazzjoni cara dwar l-ammont li qieghed jippretendi minghand MIDC. Dikjarazzjoni li fil-fehma tal-qorti hi ghal kollox inkompatibbli ma' dak li jinghad f'paragrafu 5 tal-istess nota ta' l-eccezzjonijiet meta qal li d-dejn tal-kumpanija hu ta' Lm1,420,050. Cifra li l-konvenut iccita mill-interim report tieghu stess (ara fol. 124) u li tinkludi s-somma ta' Lm1,404,554, li hu l-kreditu ta' Pace fil-konfront ta' MIDC (inkluz l-imghax).*

*"v. MIDC qeghda fi stralc. F'dikjarazzjoni mahruga mill-Malta Financial Services Authority, datata 20 ta' Ottubru 2011, jinghad:*

*"This is to certify that Mr Raymond Gatt is the liquidator of M.I.D.C. Limited, appointed in terms of the provisions of the Controlled Companies (Procedure of Liquidation) Act" (fol. 476).*

*"Jirrizulta li:-*

*"(a) MIDC kellha savings account mal-BICAL. Fih kienet depozitata s-somma ta' LM14,869 li tinkludi l-imghax ta' Lm588. Mill-kontijiet tal-bank irrizulta li fl-24 ta' Novembru 1972 din ic-cifra giet irtirata. Fit-tielet rapport ta' MGI Malta jinghad: "Since the company's accounting records did not reflect this transaction and the ultimate destination of the cash withdrawn fro the company's account is unknown, our predecessor, Mr Bonello has been advised by his legal counsels that such amount should be claimed and recovered throught the Courts from Messrs Cecil and Henry Pace" (fol. 491). Pero' m'hemmx prova li l-kontrolluri ppropomew kawza kontra l-ahwa Pace biex tigi rkuprata din is-somma, flimkien mal-imghax, li ttiehdet proprju gurnata qabel is-sospensjoni tal-licenzja tal-bank. L-ahwa Pace m'offrew l-ebda taghrif dwar x'sar minn dawn il-flus. L-ironija hi l-flus li ngibdu setghu facilment intuzaw biex thallas id-dejn li MIDC kellha mal-BICAL, u li jidher li sa dak iz-zmien kien ta' Lm1,174.*

*"(b) MIDC hi kreditrici ta' kumpanniji assocjati fl-ammont ta' Lm716,524 (ara rapport ta' MGI Malta, fol. 492). Sal-lum, minkejja li ghaddew ghexieren ta' snin ma jirrizultax li ghadha gabret centezmu. Mill-istess rapport hu evidenti wkoll li ma tantx jezistu prospetti tajbin li tirkupra dik is-somma[6].*

*"vi. Ghal dak li jikkoncerna t-tabiet numru:-*

*". **Wiehed** – ma jistax jinghad li MIDC m'hijiex debitrici tal-BICAL. Jirrizulta li matul is-snin il-kontrollur tal-BICAL avvanza xi flus sabiex tkopri parti mill-ispejjez li saru fil-perjodu wara li tpoggiet taht kontroll (ara paragrafu 4.2(b) tat-tielet interim report li sar minn Cassar, Galea & Co, fol. 493).*

*". **Tnejn** – il-kancellament tal-A share ma jistax isir. Fl-istadju meta sar il-ftehim ma' Dr Karemnu Mifsud Bonnici, 31 ta' Dicembru 1972, MIDC kien ghadha ma kellhiex kontrollur. Hekk kif inhatar kontrollur ghal MIDC, il-bord tad-diretturi tilef il-poteri kollha tieghu. Il-kontroll tal-kumpanija ghaddiet ghand il-kontrollur mahtur mill-Ministru tal-Finanzi;*

*". **Tlieta** – l-ilment tal-atturi hu li Bonello zamm il-kontroll ta' MIDC illegalment "… matul dawn l-erbgha snin minn Dicembru 1984". Dan m'huwiex minnu. Bonello kien nominat bhala kontrollur mill-Ministru tal-Finanzi u fil-perjodu li ssemma mill-atturi baqa' jokkupa tali kariga. Ghalhekk zgur li ma jistax jinghad li l-kumpanija kienet illegalment fil-kontroll tieghu. Diment li l-Ministru tal-Finanzi ma hassarx l-ordni li biha*

6 "*Estimated amounts recoverable from associated companies Lm82,952*".

*nnomina lil Bonello bhala kontrollu, ma jistax jinghad li Bonello "… zamm il-kontroll illegali tas-socjeta M.I.D.C. Limited".*

*". **Erbgha** – il-konvenut Bonello m'ghadux kontrollur. Talba li giet ezawrita fil-31 ta' Awissu 2002 meta Bonello ma baqax jokkupa tali kariga;*

*". **Hamsa** – il-konvenut Bonello ma jista' qatt jigi kkundannat jaghti lura t-tmexxija tal-kumpanija, gialadarba llum il-gurnata m'ghad ghandu l-ebda awtorità. L-istess jinghad fir-rigward ta' MGI Malta gialadarba llum MIDC qeghda fi stralc, process li qieghed isir taht il-provvediment tal-Att dwar il-Kumpanniji Kontrollati (Procedura ta' Stralc), Kap. 383;*

*"Il-qorti taghmel ukoll riferenza ghal dak li ddikjara d-difensur ta' MGI Malta fis-seduta tat-8 ta' Frar 2013 (fol. 498):-*

> *"Id-difensuri tal-MGI Malta jiddikjaraw li bhala provi jixtiequ jaghmlu riferenza ghal zewg kawzi pendenti quddiem din il-qorti li saru mill-Kontrollur tal-Bical kontra l-ahwa Pace ghall-kreditu favur il-bank. Dawn l-atti ghandhom iservu bhala prova li kien interess bizzejjed biex is-socjetà tittiehed taht kontroll. Dawn huma l-unici provi li ser iressaq il-konvenut".*

*"Il-qorti tifhem li r-riferenza kienet ghall-kawzi[7]:-*

*"**1130/91** fejn il-kontrollur tal-BICAL harrek lill-ahwa Pace ghas-somma ta' Lm540,543 li tinkludi mghax. Mill-premessi jirrizulta li l-pretensjoni hi bazata fuq 'il fatt li l-kontrollur kien hallas: "…. Ghall-certifikati ta' depozitu mhux registrati mal-Bank u mahruga mill-istess konvenuti meta kienu diretturi tal-istess Bank kif ukoll cheques u kambjalijiet mhux registrati…..". Il-kawza ghadha pendenti.*

*"**641/2001** fejn il-kontrollur tal-BICAL harrek lill-ahwa Pace ghas-somma ta' Lm478,569 li tinkludi mghax. Fic-citazzjoni ppremetta li huwa hallas "…… (Lm438,595) ghall-certifikati ta' depozitu mhux registrati mal-Bank u mharuga mill-istess konvenuti meta kienu diretturi tal-istess Bank kif ukoll cheques u kambjalijiet mhux registrati……". Il-kawza ghadha pendenti.*

*"Il-kontrollur tal-BICAL harrek lill-ahwa Pace biex ihallsu lura flus li nies kienu taw lill-ahwa Pace, u li eventwalment il-bank kien kostrett li jaghmel tajjeb ghalihom. Ghalkemm din il-materja ghadha sub judice, hu evidenti li f'dak ix-xenarju l-BICAL ghandu nteress dirett fil-kumpanija MIDC fejn:-*

*"i. l-ahwa Pace ghandhom ishma;*
*"ii. fl-accounts ta' ta' MIDC hemm kreditu favur l-ahwa Pace.*

[7] Kawzi li qeghdin jinstemghu minn din il-qorti kif presjeduta.

*"Fil-fehma tal-qorti li tghid li fil-kaz tal-MIDC l-uniku konnessjoni li hemm mal-BICAL kien il-bilanc fl-overdraft account, tkun qieghed tissimplifika wisq kaz li hu ferm iktar kompless[8].*

*"Fin-nota ta' sottomissjonijiet l-atturi lmentaw li kien hemm dewmien ta' 40 sena min-naha tal-kontrollur li wassal biex fis-sena 2007 il-qorti ddecidiet li l-ishma maggoritaji li kellhom Antonio Ghidoli u martu Nadia delle Piane fil-kumpanija Malta & Europe Hotels Limited, kienu ta' Massimiliano Martone u mhux MIDC. Pero' dan l-ilment ma jifformax parti mill-meritu tal-kawza. F'din il-kawza l-qorti ma tistax tistharreg u taghti gudizzju dwar l-agir tal-kontrollur fir-rigward ta' materji li m'humiex kawzali fil-kaz in ezami."*;

6. Illi l-atturi kollha (minn issa 'l quddiem imsejħin "l-appellanti") fil-kwalitajiet li fihom resqu fil-kawża, appellaw mill-imsemmija sentenza b'Rikors tal-Appell tat-18 ta' Diċembru, 2014, u għar-raġunijiet hemm imsemmija, talbu li din il-Qorti **tirriforma s-sentenza appellata** billi, filwaqt li tikkonferma l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti appellati safejn ġew miċħuda, tirrevoka s-sentenza appellata billi (i) tiċħad l-eċċezzjonijiet fis-sens li Cecil Pace m'għandux '*locus standi*' biex jidher fil-kaswża f'isem M.I.D.C. Limited, u (ii) tħassarha fejn ċaħdet it-talbiet attriċi u ddikjarat ir-raba' talba eżawrita fil-mertu, u fejn iddeċidiet li l-ispejjeż jinqasmu in kwantu għal 70% a karigu tal-atturi u 25% a karigu tal-konvenuti, u minflok (iii) tiċħad il-ħames u s-sitt eċċezzjoni tal-Ministru appellat, (iv) tiċħad ir-raba' u l-ħames eċċezzjonijiet tal-appellat Bonello *proprio et nomine* u

---

[8] F'dan ir-rigward issir riferenza ghall-Artikolu 18(3)(b) tal-Kap. 215 li kien jaghti lill-kontrollur l-awtorita wkoll fir-rigward ta' *"…. Dawk is-socjetajiet, ditti jew kummerc iehor kif il-Ministru jista' jispecifika u li fihom il-bank ikollu interess, **sew direttament sew indirettament**, inkluz kull interess li jinholoq minn avvanzi, self jew facilitajiet ta' kreditu moghtija jew minn xi responsabbilta' mehuda….".* Mela l-interess tal-BICAL m'huwiex biss fil-kaz ta' self jew facilitajiet ta' kreditu. M'hemmx dubju li l-interess tal-BICAL fil-kumpannija MIDC imur oltre l-bilanc tal-overdraft li kien ta' Lm1,174.

minflok (v) tilqa' t-talbiet attriċi kollha fil-mertu, bl-ispejjeż kollha kontra l-konvenuti appellati;

7. Illi permezz ta' Risposta tal-14 ta' Jannar, 2015, u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-appellati Emanuel A. Bonello, Raymond Gatt u MGI Malta warrbu l-aggravji kollha mressqa mill-appellanti, u jgħidu li din il-Qorti jmissha tiċħad l-appell;

8. Illi bl-istess mod, b'Risposta tas-7 ta' Mejju, 2015, u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-appellat Ministru tal-Finanzi, warrab l-aggravji kollha mressqa mill-appellanti u qal li l-Qorti jmissha tiċħadhom bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellanti;

9. Illi b'digriet tas-16 ta' Jannar, 2019, din il-Qorti (diversament komposta) ordnat il-bidla fl-'okkju' tal-kawża għal dak li għandu x'jaqsam mal-konvenut appellat Emanuel A. Bonello;

10. Illi permezz ta' digriet ta' din il-Qorti tat-12 ta' Novembru, 2019, ordnat il-bidla fl-'okkju' għal dak li għandu x'jaqsam mal-attur appellant Cecil Paċe;

11. Semgħet it-trattazzjoni tal-appell magħmula mid-difensuri tal-partijiet waqt is-smigħ tal-4 ta' Frar, 2020 u kif ukoll id-dikjarazzjoni

magħmula mill-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tas-6 ta' Lulju, 2020, li ma kellhomx sottomissjonijiet oħrajn x'iressqu lill-Qorti u li din il-Qorti kif rikomposta setgħet tgħaddi għall-għoti tas-sentenza;

12. Rat l-atti kollha tal-kawża;

***Ikkonsidrat:***

13. Illi din hija kawża sabiex azzjonisti ta' kumpanija jieħdu lura f'idejhom it-tmexxija tagħha mingħand kontrollur, u biex titħassar il-ħatra tal-istess kontrollur, ladarba l-kumpanija ma kienx għad fadlilha djun ma' kumpanija oħra. L-atturi appellanti jgħidu li l-kumpanija attriċi M.I.D.C. m'għandha ebda debitu fil-konfront tal-B.I.C.A.L. u għaldaqstant M.I.D.C. qiegħda tinżamm mill-Kontrollur tal-B.I.C.A.L. (l-appellat Emanuel Bonello) kontra l-liġi u bi ħsara u preġudizzju għall-azzjonisti tagħha. Talbu li l-Ministru appellat itemm il-ħatra tal-Kontrollur, u li dan jagħti lura t-tmexxija ta' M.I.D.C. lill-appellanti. Xlew lil Bonello b'dewmien żejjed u bla bżonn fit-tmexxija ta' M.I.D.C. minn meta nħatar fil-kariga. L-ewwel Qorti, filwaqt li ċaħdet l-ewwel tliet eċċezzjonijiet tal-appellat Emanuel Bonello *proprio et nomine* u l-eċċezzjonijiet imressqa mill-Ministru mħarrek (minbarra t-tielet eċċezzjoni tiegħu), ċaħdet it-talbiet attriċi tal-appellanti;

14. Illi l-appellanti ressqu tmien (8) aggravji mis-sentenza appellata. Dawn, fil-qosor, huma: (i) li l-ewwel Qorti sabet li M.I.D.C. kienet għadha debitriċi tal-B.I.C.A.L. meta ma kienx il-każ; (ii) li m'huwiex minnu, kif sabet l-ewwel Qorti, li l-*A-Share* ma setax aktar jitħassar ladarba nħatar kontrollur f'M.I.D.C.; (iii) li l-appellat Bonello żamm kontroll ta' M.I.D.C. bi ksur tal-liġi; (iv) li t-talba għat-tneħħija tal-appellat Bonello minn kontrollur kienet għadha f'waqtha u ma kinitx eżawrita, kif ħasbet l-ewwel Qorti; (v) li l-fatt li l-appellat Bonello ma kienx baqa' jżomm il-kariga ta' kontrollur u l-fatt li M.I.D.C. tqiegħdet fi proċess ta' stralċ, ma jżommux milli l-istess appellat jew MGI Malta jagħtu lura l-kontroll tal-kumpanija lill-appellanti bħala azzjonisti tagħha; (vi) li l-ewwel Qorti ma tatx raġunijiet tajbin għalfejn kellha ssib li M.I.D.C. kellha titqiegħed taħt kontroll; (vii) li l-ewwel Qorti sabet ħażin meta qalet li l-appellanti naqsu li jressqu provi li l-ġid li kellha M.I.D.C. inbiegħ mill-kontrollur taħt il-prezz xieraq li kien iġib fis-suq; u (viii) li mhux minnu li B.I.C.A.L. kellu interess dirett f'M.I.D.C.;

15. Illi taħt **l-ewwel aggravju,** l-appellanti jilmentaw li l-ewwel Qorti żbaljat meta qieset lil M.I.D.C. bħala debitriċi tal-B.I.C.A.L. Jgħidu li tul is-snin, il-Kontrollur ġabar biżżejjed flus biex seta' jaqta' d-dejn li M.I.D.C. kellha mal-imsemmi bank, iżda minflok id-dejn baqa' jidher fuq il-kotba tal-kumpanija, bl-ispejjeż marbuta miegħu jibqgħu tilgħin minn sena għal oħra b'mod sproporzjonat. Jixlu lill-Kontrollur li uża l-flus li ġabar biex

jiffinanzja l-ispejjeż u d-drittijiet tas-servizzi tiegħu bħala kontrollur minflok biex iħallas lill-B.I.C.A.L. u jaqta' d-dejn darba għal dejjem;

16. Illi l-Kontrollur appellat jilqa' għal dan l-aggravju billi jgħid li għalkemm l-appellanti jilmentaw dwar il-mod kif ġew likwidati l-assi tul is-snin, m'għamlu xejn biex jopponu għal dak li, fil-fehma tagħhom, ma kienx qed isir sewwa. Jgħidu wkoll li l-fatti juru li sa llum M.I.D.C. għadha debitriċi lejn B.I.C.A.L. Għaldaqstant l-ewwel Qorti qieset tajjeb meta sabet li M.I.D.C. kienet għadha debitriċi tal-bank u ċaħdet l-ewwel talba attriċi;

17. Illi l-Ministru appellat jsemmi l-istess ħaġa biex iwarrab dan l-aggravju u jgħid li l-ewwel Qorti għamlet apprezzament tajjeb tal-provi li tressqu quddiemha f'dan ir-rigward u li din il-Qorti ma jmisshiex tagħti każ tal-"fatti" msemmija mill-appellanti safejn dawn jissemmew l-ewwel darba fir-Rikors tal-Appell u ma jirrigwardawx ħwejjeġ jew fatti li kienu quddiem l-ewwel Qorti sa ma tat is-sentenza appellata;

18. Illi mill-atti tal-kawża joħroġ li, fiż-żmien li għaliha tirreferi din il-kawża (jiġifieri mill-1984 'il quddiem, meta l-appellat Bonello nħatar kontrollur) M.I.D.C. kienet tagħraf li kellha tagħti lill-B.I.C.A.L. Sa ma nfetħet din il-kawża (fl-1989) jirriżulta li M.I.D.C. kienet għadha ma qatgħetx dak id-dejn. Minbarra f'hekk, minn provi li tressqu quddiem l-

ewwel Qorti fuq il-medda ta' żmien li l-kawża damet tinstema', ħareġ ukoll li M.I.D.C. għadha debitriċi tal-bank għal somma ferm ogħla minn dik li ġiet mgħoddija lilha bħala *overdraft.* Mit-tagħrif mogħti mill-appellat Kontrollur[9] jirriżulta li fuq il-kotba M.I.D.C. hija debitriċi fl-ammont ta' tlett elef, sitt mija u tliet Liri Maltin (Lm3,603) għal *overdaraft* li ngħatalha fis-sena 1972 mill-B.I.C.A.L. fl-ammont ta' elf, mija sebgħa u erbgħin lira Maltin (Lm1,147). Din is-somma tinkludi l-kapital, l-imgħax fuq il-kapital saż-żmien meta ngħalaq il-bank[10], u l-imgħaxijiet fuq l-aħħar ammont[11]. Jirriżulta wkoll li ma' dan l-ammont, hemm ammont ieħor marbut ma' spejjeż amministrattivi tal-bank mill-Kontrollur, li jwassal għal total ta' sebat elef, tliet mija ħamsa u għoxrin Lira Maltin (Lm7,325)[12];

19. Illi l-appellanti jgħidu li mill-bejgħ ta' ġid M.I.D.C., id-dejn li kellha M.I.D.C. messu ilu li nqata'. Fost dan il-ġid isemmu l-ishma li M.I.D.C. kellha fill-kumpanija Skylim u f'Harris Hughes & Johns Limited. Minkejja dan mill-atti jirriżulta li Harris Hughes & Johns Limited, fil-bidu tas-sena 1971, l-istock li kellha l-kumpanija kellu valur ta' tlett elef tlett mija sitta u tletin Liri Maltin (Lm3,336), u fl-aħħar ta' l-istess sena niżel għal elf u mitejn Liri Maltin (Lm1,200)[13]. Jirriżulta li minkejja li l-fond fejn kien qed jinżamm l-istokk għadda għand il-Kontrollur, l-appellati Pace ħadu pussess tal-maħżen, għaldaqstant fis-sena 1988, l-istokk ġie dikjarat li

---

[9] Ara x-xhieda ta' Emanuel Bonello f'paġġ. 168 sa 170 tal-proċess
[10] Dak ta' Lm1802
[11] Dak ta' Lm 3604
[12] Ara x-xhieda ta' Emanuel Bonello f'paġg. 178 sa 179 tal-proċess
[13] Dok. "EB2" u Dok. "EB3" f'paġġ. 250 sa 252 tal-proċess

m'għandu ebda valur[14]. Skond it-*Third Interim Report on the Companies Associated with BICAL* għal perjodu bejn Jannar 1992 u Diċembru, 2002, il-valur ta' ħamest elef sehem li M.I.D.C. kellha f'Harris Hughes and Johns ġie dikjarat li għandu "*no realistic value*"[15];

20. Illi għar-rigward tal-kumpanija Skylim, l-appellanti jressqu żewġ argumenti: l-ewwel, illi Skylim kellha valur qawwi u nbieghet b'telf għaliha, għaldaqstant jixlu lill-Kontrollur li naqas minn dmiru billi naqas li jassikura dħul xieraq għat-trasferiment ta' dak il-ġid. Jgħidu li Skylim kienet sid ta' erbgħa u għoxrin (24) appartament u erba' (4) qatgħat art. Minn dawn M.I.D.C. kellha nofshom u flimkien inbiegħu bil-prezz baxx ta' tletin elf liri Maltin (Lm30,000). Iżda l-ewwel Qorti sabet li l-appellanti naqsu li jġibu prova tat-telf li ġarrbu;

21. Illi l-Kontrollur appellat jilqa' għall-ilmenti ta' l-appellanti billi jgħid li l-prezz ma kienx l-uniku fattur determinanti, u kellu jittieħed qies ukoll għal kemm kienet iġġib il-proprjetà f'dawk iż-żminijiet u jekk il-proprjetà kellhiex djun jew piżijiet fuqha;

22. Illi l-Qorti tqis li wieħed ma jistax ilum lill-ewwel Qorti meta qalet li sabet nuqqas ta' provi li jsostnu l-ewwel talba attriċi. Fil-fatt, mill-atti jirriżulta li l-prova waħdanija li tressqet hija dikjarazzjoni tal-Perit Eric

14 Ara x-xhieda ta' Emanuel Bonello f'paġ. 246 tal-proċess
15 Dok. "PC6" f'paġ, 493 tal-proċess

Mamo fejn stqarr li, fl-2000, wieħed mill-appartament tal-blokka fi Triq il-Marina, f'Tal-Pietà nbiegħ bil-valur ta' tnejn u tletin elf lira Maltin (Lm32,000)[16]. Jirriżulta wkoll li, minkejja li l-Perit Mamo (li kien il-perit responsabbli mill-binja u wieħed mill-azzjonisti fi Skylim) kellu jivverifika kemm swiet il-kostruzzjoni tal-binja fis-sena 1975, u jagħti tagħrif lill-Qorti. Din il-prova baqgħet ma tressqitx[17];

23. Illi t-tieni ilment tal-appellanti fir-rigward tal-bejgħ tal-ġid ta' Skylim huwa li mis-sehem li messha M.I.D.C. bħala azzjonista fiha, id-dħul kellu jkun biżżejjed biex joqtol l-*overdraft*. Lill-Qorti jirriżultalha li sehem M.I.D.C. mill-bejgħ ta' Skylim fl-att nutarili tal-21 ta' Awwissu, 1975, kien ta' elfejn seba' mija u wieħed ħamsin Liri Maltin (Lm2,751), u l-ammont kellu jitħallas (f'kont) lill-B.I.C.A.L[18]. Il-bejgħ sar għall-prezz ta' ħamsa u erbgħin elf u ħames mitt Liri Maltin (Lm45,500) u l-ammont tħallas dakinhar ta' l-akkwist[19]. Mill-atti ma jirriżultax li l-ammont lill- M.I.D.C. kellu jitħallas f'daqqa, iżda fuq medda ta' bosta snin b'rati ta' ħames mija u ħamsin Lira Maltin (Lm550) kull sena. X'wassal biex ittieħdet din id-deċiżjoni ma toħroġx mill-atti, iżda ma kinitx deċiżjoni li jista' jwieġeb għaliha l-appellat Kontrollur ladarba saret snin qabel ma nħatar Kontrollur. Lanqas ma jidher li l-appellanti ilmentaw fuqha jew ħadu azzjoni dwarha dawk iż-żminijiet, meta ma setgħux ma kinux jafu dwarha;

[16] Ara x-xhieda tal-Perit Eric Mamo f'paġ. 217 tal-proċess
[17] *Ibid* paġ. 219 tal-proċess
[18] Ara x-xhieda ta' Vincent Curmi f'paġ. 280 tal-proċess
[19] Dok. "YY" f'paġġ. 109 – 111 tal-proċess. Ara wkoll ix-xhieda tal-A.I.Ċ. Eric Mamo f'paġ. 100 tal-proċess

24. Illi bejn is-sena 1976 u s-sena 2007 saru erba' pagamenti ta' ħames mija u ħamsin Liri Maltin (Lm550) -il wieħed u fis-sena 2007 kien fadal bilanċ favur M.I.D.C. ta' ħames mija u ħamsin Liri Maltin (Lm550)[20]. Jirriżulta wkoll li elf u mitt Liri Maltin (Lm1,100) mis-somma li M.I.D.C. daħħlet minn dan il-bejgħ intużaw biex tħallsu l-ispejjeż marbuta mas-servizz mogħti mill-Kontrollur tul is-snin[21];

25. Illi mit-tagħrif li għandha l-Qorti jirriżulta li l-Kontrollur appellat inħatar fil-kariga fl-1985, u sena wara wettaq it-tieni pagament lill-M.I.D.C. fl-ammont ta' ħames mija u ħamsin lira Maltin (Lm550). Fi kliem il-Kontrollur ma saritx tpaċija tal-ammont kollu biex ma jonqosx mid-drittijiet li kellhom terzi fuq flejjes depożitati fil-B.I.C.A.L.[22]. Minn dak li joħroġ fit-*Third Interim Report on the Companies Associated with BICAL* għaż-żmien bejn Jannar 1992 u Diċembru 2002[23], jirriżulta li "*Since the Bank overdraft is unsecured, it ranks pari passu with the company's other creditors*";

26. Illi wara li ħadet qies taċ-ċirkostanzi fuq imsemmija, il-Qorti tasal għall-fehma li filwaqt li t-tpaċija ssir *ipso jure* fil-ħin meta jeżistu żewġt

[20] Dok. "VCXYZ03" f'paġ. 288 tal-proċess, kif ukoll it-tweġiba numru 23 fin-Nota li ġiet ippreżentata mill-imħarrkin fil-5 ta' Frar, 2007, f'paġ, 366 tal-proċess
[21] *Ibid* paġ. 366 tal-proċess
[22] Ara x-xhieda tal-appellat Bonello f'paġ. 171 tal-proċess
[23] Paġ. 401 tal-proċess

idjun fi żmien wieħed[24], min-naħa l-oħra, kemm-il darba t-tpaċija kienet ser tkun ta' ħsara għad-drittijiet ta' terzi (il-kredituri li kellhom jieħdu mingħand il-B.I.C.A.L.), għall-istess raġunijiet it-tpaċija li jisħqu dwarha l-appellanti ma setgħetx issir[25]. Dan wassal biex l-ammont misluf bħala *overdraft* baqa' dovut, żdied bl-imgħax u miegħu żdiedu wkoll l-ispejjeż amministrattivi. L-ewwel Qorti għaldaqstant ma setgħetx tasal biex tilqa' l-ewwel talba attriċi, u l-Qorti ma tqisx li għandha xi tmaqdar f'dawk il-konsiderazzjonijiet;

27. Illi dan iwassal lill-Qorti għall-fehma li l-ewwel aggravju m'għandux mis-sewwa u mhux ser jintlaqa';

28. Illi **fit-tieni aggravju**, l-appellanti jgħidu li l-ewwel Qorti żbaljat meta qieset li l-*ispecial "A" share* li B.I.C.A.L. għandha f'M.I.D.C. ma setax jitħassar. Fi kliemhom, meta l-Kontrollur ġabar jew seta' jiġbor l-ammont tal-faċilità bankarja mogħtija mill-B.I.C.A.L. lil M.I.D.C. bħala *overdraft*, l-*ispecial "A" share* kellu jitħassar għaliex intemmet ir-raġuni li għaliha kien inħareġ. Itennu li dak li ġie miftihem mill-azzjonisti ta' M.I.D.C. għandu jitwettaq;

29. Illi għal dan l-aggravju, il-Kontrollur appellat jilqa' billi jgħid li, mal-ħatra tal-Kontrollur tal-B.I.C.A.L. u ta' M.I.D.C., u meta M.I.D.C. daħlet fi

[24] Art. 1196(2) tal-Kap. 16
[25] Art. 1203(1) tal-Kap. 16

stralċ, l-*ispecial "A" share* ma setax jiġi eliminat u d-diretturi ta' M.I.D.C. ma jistgħux jingħataw lura l-kontroll tal-kumpanija;

30. Illi ta' l-istess fehma huwa l-Ministru appellat. Itenni li hekk kif inħatar kontrollur, il-kontroll ta' M.I.D.C. għadda f'idejh u s-setgħat tal-Bord tad-Diretturi ġew fix-xejn. Din il-qagħda issoktat meta fl-2006 ttieħdet id-deċiżjoni li M.I.D.C. titqiegħed fi proċess ta' stralċ;

31. Illi mir-riżoluzzjoni li ttieħdet mill-azzjonisti tal-M.I.D.C. fil-31 ta' Diċembru, 1972[26], "*immediately the debts due to BICAL by the Company are settled in full the said special rights shall "ipso facto" cease and the Special "A" share shall automatically become a forfeited share to be disposed of or cancelled on such terms and in such manner as the Directors appointed by the members holding Ordinary shares in the Company think fit*";

32. Illi dak li ġie maqbul mill-azzjonisti f'Diċembru, 1972, ma setax jitwettaq mid-Diretturi tagħha billi, mal-ħatra ta' Kontrollur mill-Ministru tal-Finanzi ta' dak iż-żmien, kull setgħa li kellhom id-diretturi f'M.I.D.C. intemmet;

[26] Paġ. 28 tal-proċeess

33. Illi l-Kontrollur, min-naħa l-oħra, lanqas ma seta' jikkanċella l-*ispecial "A" share* għaliex id-debitu ta' M.I.D.C. lill-B.I.C.A.L. kien għadu dovut. Jirriżulta wkoll li fl-2006, M.I.D.C. ġiet milquta b'ordni ta' stralċ[27] u kull pretensjoni li l-appellanti seta' kellhom fil-konfront ta' attiv kontrollat kellha titressaq lill-Kontrollur kif stabbilit taħt l-Att dwar Kumpanniji Kontrollati (Proċedura ta' Stralċ)[28];

34. Illi meħuda flimkien dawn il-konsiderazzjonijiet kollha, din il-Qorti tasal għall-fehma li jekk ir-raġuni għall-ħruġ tas-sehem speċjali favur B.I.C.A.L. kienet l-eżistenza tal-kreditu ta' dak il-Bank kontra M.I.D.C., dik ir-raġuni għadha teżisti u għalhekk, ukoll kieku r-rieda tat-tmexxija ta' M.I.D.C. setgħet tintradd lura lill-appellanti, dak is-sehem għad fadallu raġuni għalfejn ma jitħassarx. Iżda, minbarra dan, iċ-ċirkostanzi li fihom kemm B.I.C.A.L. u kif ukoll M.I.D.C sabu rwieħhom ukoll jagħmluha ħaġa li ma tistax titwettaq ladarba l-proċeduri ta' stralċ tnedew u ma twaqqfux. Minħabba f'hekk, it-tieni talba attriċi u l-kanċellament ta' l-i*special "A" share* kif pretiz mill-appellanti ma jistax isir. Dan iwassal lill-Qorti biex tiċħad it-tieni aggravju billi mhux mistħoqq;

35. Illi taħt **it-tielet aggravju**, l-appellanti jgħidu li l-ewwel Qorti ma fehmitx it-tielet talba tagħhom li kienet talba biex l-appellat Bonello jinsab ħati tad-danni li ġarrbu minħabba d-dewmien fit-twettiq tal-ħatra tiegħu ta'

[27] Ara x-xhieda ta' Raymond Gatt f'paġġ. 404 u 470 tal-proċess
[28] Att XVII tal-1995 (Kap. 383)

Kontrollur, u mhux talba dwar is-siwi jew il-legalità tal-ħatra tiegħu. Iżidu jgħidu li meta ġabar jew seta' jiġbor l-ammont dovut lil B.I.C.A.L., il-Kontrollur kien mistenni li jrodd lura l-kontroll ta' M.I.D.C. lid-diretturi tagħha, u dan ma għamlux bi ħsara għal M.I.D.C.;

36. Illi l-Kontrollur appellat laqa' għal dan l-aggravju billi jgħid li sallum għad għandu interess f'M.I.D.C. billi hemm pretensjonijiet pendenti kontra l-azzjonisti tagħha[29] u żgur mhuwiex il-każ li għandu jrodd lura t-tmexxija tal-kumpanija lid-diretturi. Minkejja li l-appellanti jippruvaw iċekknu l-problema tad-dejn li M.I.D.C. kellha mal-bank, mill-atti joħroġ li, fiż-żmien li għalih tirreferi l-kawża (jiġifieri mill-1985, meta l-appellat Bonello ngħata l-ħatra, sal-1989, meta nfetħet il-kawża) ma kien hemm l-ebda tnikkir min-naħa tiegħu biex iwettaq dak li kellu jsir, ukoll meta wieħed iqis kemm kien sab ma' wiċċu għoqiedi mħabbla x'iħoll f'din il-ġrajja kollha;

37. Illi, min-naħa tiegħu, il-Ministru appellat, jilqa' billi jgħid li l-Kontrollur inħatar minnu skond il-liġi u tul iż-żmien imsemmi mill-appellanti, il-ħatra tiegħu ma ġietx irtirata għaliex kien hemm raġunijiet tajba għal dan, u għaldaqstant iż-żamma tal-kontroll ta' M.I.D.C. ma saritx bi ksur tal-liġi;

38. Illi jibda biex jingħad li l-appellanti jixlu lill-Kontrollur appellat bi tmexxija ħażina ta' M.I.D.C. u b'riżultat ta' hekk biż-żamma "bla bżonn"

---

[29] Ara paġ. 498 tal-proċess

tal-kontroll tagħha meta seta' u messu ħeles qabel minn dak li ntalab jagħmel meta nħatar bejn Diċembru tal-1984 u l-ftuħ tal-kawża fl-1989[30]. Mir-Rikors tal-Appell, il-Qorti tifhem li ż-żamma "bla bżonn" li jsemmu l-appellanti hija għaliex ma rrilaxxax lill-M.I.D.C mill-effetti tal-kontroll għaliex qies l-*overdraft* bħala li għadu mhux imħallas, meta kellu bosta egħjun oħrajn mnejn jidħlu l-flus biex jaqtgħu d-dejn li dik il-kumpanija kellha mal-B.I.C.A.L;

39. Illi kif irriżulta mill-konsiderazzjonijiet li din il-Qorti għamlet hija w tqis l-ewwel aggravju[31], id-dejn ta' M.I.D.C. ma ġiex paċut għal raġunijiet ġustifikati, ewlenija fosthom kienu l-ħlasijiet li l-Kontrollur kellu jagħmel tul is-snin lid-depożitanti għall-flejjes li nġibdu mill-appellanti mill-kont bankarju ta' M.I.D.C. fil-B.I.C.A.L. u li kienu maħsuba biex jagħmlu tajjeb għal tali pretensjonijiet. Għaldaqstant għal raġunijiet differenti minn dawk li waslet għalihom l-ewwel Qorti, din il-Qorti hija tal-fehma li t-tielet talba attriċi ma kellhiex tintlaqa' għaliex, minkejja l-allegazzjonijiet li saru, l-appellanti ma seħħilhomx juru li l-Kontrollur appellat mexa b'mala fidi jew li ġebbed il-kontroll tiegħu tal-M.I.D.C. għal għanijiet personali;

40. Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti tqis ukoll li l-B.I.C.A.L. għad għandu interess f'M.I.D.C. Jirriżulta li hemm pretensjonijiet quddiem il-Qrati

[30] Ara r-raba' talba attriċi
[31] §§ 24 – 5 *supra*

f'Malta kontra l-aħwa Paċe għall-krediti favur il-Bank[32]. Jirriżulta wkoll li M.I.D.C. qiegħda fi stat ta' stralċ, m'għandhiex ġid f'termini ta' assi fiżiċi[33], iżda għandha valur ta' 'l fuq minn tmenin elf Lira Maltin (Lm80,000) li għandha ddaħħal mingħand kumpanniji assoċjati[34]. Fl-istess ħin, M.I.D.C. hija wkoll kreditriċi tal-appellanti fl-ammont ta' miljun ħames mija disgħa u għoxrin elf, tliet mija u tmienja u erbgħin Liri Maltin (Lm1,529,348) fil-forma ta' ċekkijiet mhux imsarfa[35] jew f'*shareholders' loans*. Għaldaqstant l-argumenti mressqa mill-appellanti taħt **it-tmien aggravju** biex jittantaw ixejnu din il-preżunzjoni m'għandhomx missewwa;

41. Illi dan iwassal lill-Qorti biex tiċħad ukoll it-tielet aggravju bħala mhux mistħoqq;

42. Illi fir-**raba' aggravju**, l-appellanti jgħidu li l-ewwel Qorti naqset meta sabet li r-rimedju mitlub fir-raba' talba tagħhom (it-tneħħija tal-kontrollur mill-ħatra li kien ingħata) kien eżawrit bil-fatt li l-kontrollur appellat kien temm il-ħatra tiegħu malli nħatru l-istralċjarji ta' M.I.D.C. Jgħidu li dik it-talba tagħhom kienet tgħodd ukoll għas-suċċessuri tiegħu

[32] Ċitazz. Nru. 1130/91MH u Ċitazz. Nru. 641/01MH (imħollijin għall-kontro-eżamijiet għat-2.12.2020)
[33] Ara x-xhieda ta' Raymond Gatt f'paġ. 470 tal-proċess
[34] Ibid paġġ. 435, 471 u Dok. "PC6" f'paġ. 491 tal-proċess
[35] Dok. "PC6" f'paġ. 493 tal-proċess

jew min daħal warajh. Jixlu lill-appellati li tant kaxkru saqajhom u tawlu l-affarijiet li l-Kontrollur appellat laħaq irtira u irriżenja;

43. Illi l-appellati jilqgħu għal dan l-aggravju billi jiċħdu li t-talba testendi għas-suċċessuri ta' Bonello, u jtennu li mar-riżenja tiegħu mill-ħatra r-raba' talba ġiet eżawrita;

44. Illi minn qari tar-raba' talba attriċi, joħroġ biċ-ċar li d-difiża tal-appellati għandha mis-sewwa. Jirriżulta li l-kontrollur appellat irriżenja mill-kariga ta' Kontrollur fil-31 ta' Awwissu, 2002[36], waqt li l-kawża kienet miexja quddiem l-ewwel Qorti. Il-Qorti tqis ukoll li għandha l-fehmiet tagħha dwar min, fis-sewwa, kaxkar saqajh f'din il-kawża, meta wieħed iqis li l-kawża nfetħet fl-1989, u ma kienx qabel Mejju tal-2012 li l-appellanti iddikjaraw li għalqu l-provi tagħhom[37]. Tqis ukoll li t-talba kienet tressqet kontra l-appellat Bonello personalment, mela l-argument tal-appellanti li dik it-talba tgħodd ukoll għas-suċċessuri tiegħu ma tinftiehemx. Dan jingħad ukoll fid-dawl tal-fatt li l-kontrollur li nħatar wara l-appellat Bonello wkoll ma baqax f'dik il-kariga, u sar stralċjarju hekk kif M.I.D.C. tqiegħdet fi proċess ta' stralċ. Dan ifisser li l-Ministru appellat żgur ma kienx għad fadallu setgħa jħassar il-ħatra li kien ta lill-appellat Bonello, għaliex it-tneħħija ta' stralċjarju mill-ħatra tiegħu ma hijiex aktar regolata mis-setgħat li bihom l-appellat Bonello (u l-kontrollur ta' qablu)

[36] Dok. "PC6"f'paġ. 490 tal-proċess
[37] Paġ. 467 tal-proċess

ngħata l-ħatra, iżda mid-dispożizzjonijiet tal-liġi speċjali li tirregola l-proċeduri ta' stralċ. Jekk l-appellanti għandhom xi lment dwar il-ħatra tal-istralċjarji attwali, jibqa' miftuħ lilhom kull jedd li jipproċedu kif jidhrilhom xieraq fis-sede x-xierqa;

45. Illi r-riżenja tal-appellat Bonello ġabet fix-xejn ir-raba' talba attriċi għaliex il-Ministru appellat ma setax aktar itemm ħatra li diġà kienet mitmuma. Għaldaqstant ir-raba' aggravju wkoll ser jiġi miċħud;

46. Illi fil-**ħames aggravju**, l-appellanti jgħidu li M.I.D.C. tqiegħdet fi stat ta' stralċ meta ma kienx hemm bżonn u ma kien hemm xejn x'iżomm lill-Kontrollur appellat matul is-snin li jgħaddilhom lura l-kontroll tagħha qabel ma kien hemm għalfejn titqiegħed taħt stralċ;

47. Illi l-appellati jilqgħu għal dan l-aggravju billi jgħidu li kien hemm raġunijiet tajba għalfejn il-Kontrollur żamm kontroll ta' M.I.D.C. Jgħidu wkoll li x-xilja ta' *mala fede* fil-ħatra ta' stralċjatarju għal M.I.D.C. ma hijiex il-mertu ta' din il-kawża u ma tressqet ebda prova f'dan is-sens;

48. Il-Qorti tqis li l-mertu ta' dan l-aggravju u t-talba attriċi li għaliha jirreferi (il-ħames talba attriċi) huwa marbut sewwa mal-konsiderazzjonijiet li saru fl-aggravju ta' qabel. L-ewwel Qorti kellha quddiemha żewġ ċirkostanzi fattwali u legali li ma setgħetx tagħmel ta'

bir-ruħha li ma kinux hemm: ir-riżenja tal-appellat Bonello minn kontrollur fl-2003 u t-tqegħid fi proċess ta' stralċ ta' M.I.D.C. fl-2006. B'dawn biss, l-ewwel Qorti kellha tiċħad il-ħames talba attriċi. Għall-kuntrarju, li kieku l-ewwel Qorti laqgħet dik it-talba, kienet tkun qiegħda tindaħal fi proċess ġudizzjarju li ma kienx quddiemha. Kif ingħad qabel, xejn ma jżomm lill-appellanti li, bħala azzjonisti f'M.I.D.C. iressqu l-ilmenti tagħhom dwar is-siwi li M.I.D.C. titqiegħed taħt stralċ fis-sedi xierqa. Din il-Qorti tqis ukoll li l-appellanti donnhom ma jistgħux jifhmu effett bażiku li jseħħ hekk kif kumpanija titqiegħed fi proċess ta' stralċ – jiġifieri li kull setgħa li d-diretturi seta' kellhom fil-kumpanija tintemm u tittieħed mill-istralċjarju. L-appellanti jibqgħu jressqu sottomissjonijiet u pretensjonijiet bħallikieku dan kollu donnu ma seħħx. Din il-Qorti, bħall-ewwel Qorti qabilha, ma tistax timxi ma' dak l-atteġġament li jiċħad is-sewwa magħruf;

49. Illi dan iwassal lill-Qorti għall-fehma li dan l-aggravju tal-appellanti wkoll m'għandux mis-sewwa u ser jiġi miċħud;

50. Illi dwar **is-sitt u s-seba' aggravji**, il-Qorti ma għandha xejn x'iżżid ma' dak li qieset aktar qabel hija u tqis l-ewwel aggravju. Ladarba dak l-aggravju ma ntlaqax, dawn l-aggravji jridu jġarrbu l-istess konsegwenza;

51. Illi jmiss li l-Qorti tqis l-aggravju tal-appellanti marbut mat-tielet eċċezzjoni mressqa mill-Ministru appellat, dik ta' **nuqqas ta'**

**rappreżentanza ġuridika** fl-appellanti bħala diretturi tal-kumpanija M.I.D.C.. L-ewwel Qorti laqgħet din l-eċċezzjoni billi sabet li minkejja li Cecil Paċe kien direttur f'M.I.D.C., il-Bord tad-Diretturi tilef kull awtorità mill-waqt li M.I.D.C. għaddiet taħt l-amministrazzjoni tal-Kontrollur, għaldaqstant l-aħwa Paċe ma kellhom ebda jedd iħarrku lill-appellati f'isem M.I.D.C;

52. Illi l-appellanti jgħidu li jeżisti kunflitt ta' interess fir-relazzjonijiet interni min-naħa tal-Kontrollur fir-rigward l-azzjonisti ta' M.I.D.C. billi mhux biss huwa Kontrollur tal-B.I.C.A.L. iżda wkoll ta' M.I.D.C. Itennu li l-Kontrollur mhux qed jiddefendi l-interessi ta' M.I.D.C., tal-kredituri u tal-azzjonisti tagħha u billi l-azzjoni tinvolvi t-tneħħija tal-Kontrollur mill-ħatra tiegħu, l-appellant Cecil Paċe għandu jedd ikun parti fil-kawża bħala direttur ta' M.I.D.C. Jgħid ukoll li din hija sitwazzjoni partikolari u għandha titqies bħala tali. Waqt it-trattazzjoni quddiem din il-Qorti, l-għaref difensur tal-appellanti saħaq li l-azzjoni attriċi kienet l-azzjoni derivattiva, li fiha l-azzjonisti jmexxu kawża kontra dak jew dawk li jkunu qegħdin b'għemilhom iġibu preġudizzju jew ħsara lill-kumpanija b'dannu għall-azzjonisti tagħha;

53. Illi għal dan l-aggravju, il-kontrollur appellat jgħid li l-appellanti jonqsu li jagħrfu bejn interess ġuridiku u rappreżentanza ġuridika. Il-fatt li l-appellanti seta' kellhom xi interess ġuridiku li jaraw li l-kontroll fuq

M.I.D.C. jitmexxa kif imiss, ma kienx jissarraf fil-jedd li jingħataw ir-rappreżentanza ġuridika tal-imsemmija kumpanija. Il-Ministru appellat ressaq l-istess argument;

54. Illi din il-Qorti m'għandhiex wisq x'iżżid ma' dak li diġà ngħad qabel[38]. Taqbel għal kollox mal-fehmiet murija mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata u wkoll mas-sottomissjonijiet magħmula mill-appellati. L-appellati kellhom kull jedd li jmexxu 'l quddiem il-kawża bħala azzjonisti ta' M.I.D.C., imma mhux aktar bħala diretturi tagħha. Aktar u aktar wara li l-istess kumpanija tqiegħdet fi proċess ta' stralċ, il-kariga ta' diretturi li l-appellanti seta' kellhom f'xi żmien u r-rappreżentanza li huma setgħu gawdew sakemm damu diretturi, intemmet u għalhekk l-ewwel Qorti għamlet sewwa li laqgħet dik l-eċċezzjoni;

55. Illi dan iwassal lill-Qorti biex għal darb'oħra tqis l-aggravju tal-appellanti bħala mhux mistħoqq u għalhekk mhux sejra tilqgħu;

56. Illi tqis li ladarba l-konsiderazzjonijiet l-oħra li jqajmu l-appellanti fir-Rikors tal-Appell ma humiex aggravji, il-Qorti mhix ser tieħu qies tagħhom;

***Deċide:***

57. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

---

[38] § 48 *supra*

**Tiċħad l-appell** u tikkonferma għal kollox is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Novembru, 2014, fil-kawża fl-ismijiet premessi, bl-**ispejjeż ta' dan l-appell** jitħallsu mill-appellanti, filwaqt li dawk tal-ewwel istanza jitħalsu kif ordnat fis-sentenza appellata.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm